MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 1/2007

Il-Pulizija
(Spettur C. Abdilla)
Vs

Paul Abela
Joseph Abela

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-29 t'Awissu tas-sena 2005, ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija, waqt li kienu qeghdin gewwa Triq Telghet Birkirkara, San Giljan, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti professjonali taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkagunaw hruq jew ghamlu xi hsara jew hassru jew gharrqu mobbli (hajt) ghad-dannu ta' John Agius, liema hsara tammonta ghal hames mitt lira Maltin (LM500.00).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannathom ghal multa ta’ hames mitt lira Maltija (LM500) kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fl-14 ta’ Dicembru, 2006, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata in kwantu sabithom hatja tal-akkuza dedotta kontrihom u kkundannathom ghal multa ta’ hames mitt lira Maltija (LM500) kull wiehed u konsegwentement tilliberahom minn kull imputazzjoni w htija w f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, talbu li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta w dan taht dawk il-provvedimenti kollha neccessarji w opportuni li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih eccepiet li r-rikors tal-appell huwa irritwali w null ghaliex l-appellanti, apparti li ma talbux is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza appellata u ma tawx il-garanzija rikjesta mill-ligi, addirittura akkwijexxew ghas-sentenza meta huma talbu u ottjenew il-fakolta’ li jhallsu l-multa inflitta fuqhom b’ pagamenti rateali ta’ LM50 fix-xahar, l-ewwel skadenza fl-ahhar tax-xahar ta’ Dicembru, 2006.

Rat il-verbal li bih il-partijiet qablu li l-pregudizjali sollevata mill-Avukat Generali hi ben fondata.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni fuq il-pregudizzjali;

Ikkonsidrat ;

Illi mhux kontestat li fid-data tas-sentenza ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Illi umbaghad , una volta li ma saritx it-talba ghas-

sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza , l-Ewwel Qorti ovvjament ma mponietx it-termini tal-garanzija tajba li hija mehtiega skond l-artikolu 416 (1) fuq imsemmi biex appellant jaqla' mill-Qorti Inferjuri it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza.

Proprjament it-twaqqif tal-esekuzzjoni jinqala' b' talba *ad hoc* li ssir lill-Ewwel Qorti w dik il-Qorti , meta tilqa' t-talba timponi l-garanzija li hija kondizzjoni *sine qua non* ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, skond l-artikolu fuq citat li jghid espressament li it-talba tigi milqugha **"KEMM IL-DARBA** (il-persuna) **TAGHTI GARANZIJA TAJBA**".
(ara App. Krim., "**Il-Pulizija vs. Jesmar Joe Abela**" [28.10.2004])

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Mario Mifsud**" [5.5.1994] :-

*"Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita' w irritwalita' tal-appell minhabba l-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali , jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza , liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta' li wiehed jappella."* (ara "**Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech"**, App.Krim. [28.1.94] ; "**Il-Pulizija vs. Frangisk Borg",** [18.1.41]; Vol. XXXIII.iv.391 u "I**l-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi."**

u aktar 'l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-

*"wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa , illi kif appena tinghata sentenza , hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x'imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament."*

L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Karl Gialanze**" [17.5.94.] u "Il**-Pulizija vs. Francis Micallef"** [5.7.94] , "**Il-Pulizija vs. Francis Scicluna**" [20.1.95] u "**I-Pulizija vs. Carmel Attard"** [30.6.95] .

Illi l-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali jghid testwalment li :-

*"Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 28A (li jirrigwardaw sentenzi ta' prgunerija sospizi) u d-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-hlas ta' pieni ta' flus, KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA."* (Emfasi ta' din il-Qorti)

Umbaghad l-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici jghid testwalment li :-

"persuna misjuba hatja ...tista' , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza , taqla mill-Qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ...."

Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fuq citata kienet validament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien, necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista' tigi milqugha, jehtieg li tigi maghmula immedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b'dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat .

Illi din il-Qorti, kif preseduta, taqbel perfettament ma dan ir-ragunament u tirritjeni li bil-fatt li l-appellant odjern, ma deherlux li kellu jiddikjara li jrid jappella, immedjetament wara li nghatat is-sentenza kien inghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-sentenza mill-appellant. (Ara ukoll l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Victor Vella"** [ 30.1.2003], "**Il-Pulizija vs. Anthony Cauchi"** [3.7.2003] u ohrajn).

Illi din il-pozizzjoni ma mbidlitx bl-introduzzjoni recenti tas-subartikolu gdid (3A) ghall-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali bl-Att XVI tal-2006. Dan ghaliex dan is-subartikolu japplika biss ghall-kazijiet imsemmija fis-subartikolu (3) li jipprecedieh u cioe' <u>fejn il-persuna misjuba hatja tkun taht arrest</u>.F' dan il-kaz ma jirrizultax li l-appellanti kienu taht arrest meta tressqu quddiem l-Ewwel Qorti jew meta

nghatat is-sentenza appellata u ghalhekk ghalihom ghadhom japplikaw bis-shieh u bla ebda eccezzjoni d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-art.416 li jghid li l-persuna misjuba hatja li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja, tista', <u>meta tiddikjara , imqar bil-fomm, li trid tappella</u> mis-sentenza, taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, <u>kemm il-darba taghti garanzija tajba</u> skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 577, li tidher ghal kull att tal-kawza quddiem il-qorti superjuri kull darba li tigi msejjha minn dik il-Qorti . (Sottolinear t' din il-Qorti).

F' dan il-kaz la tirrizulta tali dikjarazzjoni w, inqas u inqas l-ghoti tal-garanzija li hija kondizzjoni *sine qua non* biex tinkiseb is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza. Ghalhekk din il-pregudizzjali hi ben fondata f' dan il-kaz.

Ikkonsidrat;

Illi mbaghad, kif jidher mill-verbal a fols. 4 u 5 tal-process, wara li nghatat is-sentenza appellata, gie verbalizzat testwalment hekk :-

*"L-imputati jitolbu li jhallsu l-multa inflitta fuqhom ratealment;*
*"L-uffical prosekutur jirrimetti ruhu;*
*"Rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*"Tilqa' t-talba b' dan li l-multa tithallas bir-rata ta' Lm50.00,0 fix-xahar bl-ewwel skadenza fl-ahhar ta' Dicembru, 2006."*

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut diversi drabi meta jkun hemm l-akkwiexxenza tal-imputat ghas-sentenza, jew bil-hlas tal-multa jew bit-talba ghall-hlas tal-istess multa ratealment, dan hu inkompatibbli mad-dritt tal-appell u jammonta ghal rinunzja ghall-istess dritt t' appell. Dan ghaliex, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi"** [10.12.1992], is-semplici talba ghall-hlas rateali tikkostitwixxi akkwiexxenza ghas-sentenza, liema

akkwiexxenza mhix kompatibbli mall-volonta' li jsir appell minn dik is-sentenza u il-fatt li l-appellant ikun ghadu ma hallas xejn ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-inappellabiilita' tas-sentenza ossia l-irritwalita' tar-rikors tal-appell.

Ghal dawn l-motivi u fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika  moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif preseduta,  din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritu w null  u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------